MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 9/2001/1

Rikors Nru: 9/2001

Kummisarju tal- Art

Vs

Mary Grech f' isimha propju u f' isem l- assenti Lino Zahra, Martha Debono u Anita Aquilina u b' digriet tat- 8 ta' Marzu 2001 gie awtorizzat li l- kawza tkompli biss f' isem Mary Greagh f' isimha propju u f' isem l- assenti Lino Zahra.

Il- Bord,

Ra ir- rikors tal- Kummisarju tal- Art fejn jesponi b' rispett:

Illi l- intimati gew notifikati b' Avviz ghall- ftehim datat 16 ta' Jannar 2001, fejn gew infurmati li l- kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax- xiri

assolut bhala franka u libera tal- bicca art f’ Haz Zabbar li tinkludi kamra rurali u bir, tal kejl ta madwar 3,080 metri kwadri li tmiss mill- Majjistral ma propjeta’ ta’ Peter Vella u ohrajn u mit- Tramuntana, parti ma’ propjeta’ ta’ John Chetcuti u parti ma’ propjeta’ tal- werrieta ta’ Giuseppe Mercieca huwa ta’ hames t’ elef u tmenin Lira Maltin (Lm5080.00) kif jidher mir- rapport tal- perit Fred V. Valentino A. & C. E. tal- 10 ta’ Novembru 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l- istess Avviz ghall- Ftehim.

Illi b’ ittra ufficjali tal- 31 ta’ Jannar 2001 l- intimati fost affarjiet ohra jiddikjaraw li ma jaccetawx il- kumpens offert.

Ghaldaqstant ir- rikorrent jitlob bir- rispett li dan il- bord joghgbu jordna lill- intimati biex jittrasferixxu favur ir- rikorrent b’ titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera il- bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment ta’ l- Art jew lin- Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l- att relattiv f’ dik il- gurnata, hin u lok li dan il- bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall- eventwali kontumaci fuq l- att u jaghti l- provedimenti l- ohra kollha mehtiega skond id- dispozzizzjonijiet tal- Ordinanza dwar l- Akkwist ta’ Artijiet ghall- Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra ir- risposta tal- intimata Mary Grech f’ isimha propju u f’ isem l- assenti Lino Zahra tejn tesponi b’ rispett:

Illi t- talbiet tar- rikorrenti huma nfondati fil- fatt u fid- dritt.

B’ riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill- esponenti skond il- ligi ghat- tehid tal- propjeta’ in kwistjoni.

Ra l- verbal tal- 15 ta’ Novembru 2004.

Ra d- digriet tieghu tad- 9 ta' Mejju 2002 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Joseph Jaccarini u l- AIC Renato Laferla.

Ra r- relazzjoni tal- imsemmija periti li tghmel parti shiha minn din is- sentenza u li minnha jirrizulta li l- art kollha hija ‘fabbrikabbli’ skond il- ligi. Il- periti fissru fid- dettal ghaliex ikkunsidraw l- art ta' din is- sura u ghalekk stmaw il- kumpens fl- ammont ta' sitt mija u zewgt elef, mija u erbghin lira Maltija (Lm 602,140).

Ra li l- intimati Martha Debono u Anita Aquilina accettaw il- kumpens offrut mir- rikorrent i.e. Lm 5080 ghall- art kollha, Lm 1270 kull wahda u hekk il- kumpens dovut lilha qed jigi stabbilit.

Ra r- relazzjoni tal- Perit Frederick Ellul f' isem l- intimata Mary Grech propio et nomine fejn il- qasam gie stmat Lm 110,000.

Ra li l- kumpens dovut lill- imsemmija intimata propio et nomine hu ta' Lm 301,070 (zewg ishma minn erbgha) u hekk qed jigi stabbilit.

Jilqa' it- talbiet mressqa fir- rikors u jordna favur ir- rikorrenti it- trasferiment b' titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka minn naha ta' l- intimati tal- bicca art f' Haz- Zabbar, fabbrikabbli b' kull ma fiha, ta' madwar 3080 metru kwadri u li tmis mill- Majjistral ma propjeta' ta' Peter Vella u ohrajn u mit- Tramuntana, parti ma' propjeta' ta' John Chetcuti u parti ma' propjeta' tal- werrieta ta' Giuseppe Mercieca skond pjanta annessa ma' l- Avviz ghall- Ftehim u kif imfisser mill- periti teknici bil- prezz ta' Lm 303,610 (Lm 1270 + Lm 1270 + Lm 301,070).

Jahtar lin- Nutar Vincent Miceli jew lin- Nutar li jkun qed jaghmilha minfloku biex jippublika l- att fl- ufficju tar- rikorrent nhar l- 14 ta' Frar 2005 fid- 9.30 a.m. u jahtar lid- Dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l- att biex tirraprezenta lill- kontumaci, l- ispejjez ta' din il- procedura u tal- pubblikazzjoni ta' l- att jithallsu mir- rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------